MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2015

Citazzjoni Numru. 507/2012

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Gozo Caterers Limited**

**Dr Emmanuel Cefai**

**E.G.C. Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-bank attur tal-21 ta’ Mejju 2012 li jghid hekk:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'tlett kuntratti maghmul fl-atti tan-Nutar Dottor Henry J. Vassallo LL.D., datati 1 ta' Lulju 2004 (Dok. 'A'. 'B' u 'C'), is-socjeta attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta Gozo Caterers Limited;

2. Illi s-socjeta attrici tinsab kreditrici tas-socjeta Gozo Caterers Limited fis-somma ta' disgha u ghoxrin elf, hames mija u wiehed u tmenin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€29,581.88) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" tas-socjeta Gozo Caterers Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D1 sa D6", "E1 sa E3" u "F1 sa F3"') flimkien mal-imghax ulterjuri mid-19 t'Ottubru 2011 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi permezz ta' tlett kuntratti datati 1 ta' Lulju 2004 (Dok. "A", "B", u "C") u permezz ta' skrittura privata, datata 15 t'Ottubru 2004 (Dok. "G"), il-konvenut Dr. Emmanuel Cefai iggarantixxa flimkien u "in solidum" mas-socjeta Gozo Caterers Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c., id-debiti tal-istess socjeta Gozo Caterers Limited, mal-Bank of Valletta p.l.c.;

4. Illi permezz ta' zewg kuntratti datati 1 ta' Lulju 2004 (Dok. "A" u "C") u permezz ta' skrittura privata, datata 15 t'Ottubru 2004 (Dok. "H"), is-socjeta konvenuta E. G. C. Limited iggarantiet flimkien u "in solidum" mas-socjeta Gozo Caterers Limited ghaf-favur tal-Bank of Valletta p.l.c., id-debiti tal-istess socjeta Gozo Caterers Limited, mal-Bank of Valletta p.l.c.;

5. IIi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u skritturi privati fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument 'A', 'B', 'C', 'G' u 'H') partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta Gozo Caterers Limited, Dr. Emmanuel Cefai u s-socjeta E. G. C. Limited

(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti u skritturi privati, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess socjeta Gozo Caterers Limited, Dr. Emmanuel Cefai u s-socjeta E. G. C. Limited, li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici;

6. IIIi l-attur nomine jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

7. IIIi l-konvenuti gew interpellati permezz ta' tlett ittri ufficjali datati 16 ta' Dicembru 2010 li kopji taghhom qed jigu hawn esebiti u mmarkati Dok. "I", "J" u "K" sabiex jithallas d-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, ighidu il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta attrici li qeda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha :

1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti u skritturi privati fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument 'A', 'B', 'C', 'G' u 'H') partikolarment imma mhux esklussivament, billi is-socjeta Gozo Caterers Limited, Dr. Emmanuel Cefai u s-socjeta E. G. C. Limited, (a) naqsu milli jhallsu il-pagamenti dovuti lis-socjeta mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti u skritturi privati (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi privati sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess Gozo Caterers Limited, Dr. Emmanuel Cefai u s-socjeta E. G. C. Limited, li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta attrici;

2. Tikkundanna lis-socjeta Gozo Caterers Limited, lil Dr. Emmanuel Cefai u lis-socjeta E. G. C. Limited, ihallsu flimkien u "in solidum" bejniethom lis-socjeta attrici s-somma ta' disgha u ghoxrin elf, hames mija u wiehed u tmenin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€29,581.88) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Accounts" ta' Gozo Caterers Limited (Dok. "D1 sa "D6", "E1 sa E3" u "F1 sa F3"), flimkien mal-imghax ulterjuri mid-19 t'Ottubru 2011 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri ufficjali datati 16 ta' Dicembru 2010 kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Din l-interpellanza qed issir minghajr pregudizzju ghall-proceduri ohra ntavolati kontra Dr. Emmanuel Cefai mis-socjeta attrici ghal bilanci ohra minnu dovuti.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament l-azzjoni odjerna hi irrita u nulla in kwantu intempestiva.

2 Illi fl-opinjoni tal-intimati s-somma pretiza mill-bank hija esagerata u trid tigi verifikata minn esperti nominati, u cioe mill-process gudizzjarju relattiv, u mhux minn dikjarazzjonijiet unilaterali tal-bank, u ghalhekk u f'dan is-sens id-debitu pretiz mill-bank la hu cert, la hu likwidu, u lanqas dovut bil-mod u kif pretiz mill-attrici; u ghaldaqstant ukoll element vitali ghall-korrettezza u validita tal-azzjoni tal-bank attur hi mankanti u kwindi ukoll l-azzjoni intentata mis-socjeta attrici hi irritwali.

3 Illi ghad jrid jigi stabbilit permezz tal-process gudizzjarju jekk l-imghaxijiet u/jew hlasijiet ohrajn bil-metodologija, ammonti u modi kif pretizi mill-bank attur humiex skont il-ligi

4 Illi d-debitu tal-bank attur - jekk u tavolta jirrizulta - ghandu jkun mpaci ma' ammont dovut lill intimati minhabba hsara li - fl-opinjoni tal-intimati - setghet saret lill intimati bl-azzjoni intempestiva u mhux ragjonevoli fic-cirkostanzi tal-kaz - bil-prezentata tar-Rikors Guramentat ossija ta' din il-kawza mill-bank.

5 Illi skont ma jirrizulta lill intimati, l-bank waqqaf hesrem 'loan facility'; ghalhekk il-progett li minnu u permezz tieghu kien pattwit li jidhlu l-flus ghall-hlas tal-bank twaqqaf; ghalhekk ma setghux jidhlu flus biex jithallas il-bank.

Salvi eccezzjonijiet u ragunijiet ohra fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kontra l-bank attur, li r-rapprezentanti tieghu huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat l-atti u n-noti ta’ sottomissjonijiet li saru;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza ghal hlas lura ta’ somom dovuti minn Gozo Caterers Limited fuq tlett loan accounts esebiti qua bilanc f’dokumenti D1 sa D6, E1 sa E3 u F1 sa F3 skond kuntratti ta’ facilitajiet bankarji datati 1 ta’ Lulju 2004 (Dok. A, B u C anness mal-att promotur). Il-konvenuti Dr. Emanuel Cefai u E.G.C. Limited huma garanti in solidum permess tal-istess kuntratti tal-1 ta’ Lulju 2004 u skritturi tal-15 ta’ Ottubru 2004 (Dok. G u H anness mar-rikors promotur).

Il-bank attur jikkontendi illi d-debitur naqas li jonora l-hlasijiet dovuti nonostante diversi estensjonijiet u promessi ta' hlas kif jirrizulta mid-dokumenti SZ1 sa SZ 37 esebiti min Simon Zammit bhala relationship manager fir-recoveries department. Ix-xhud tal-bank Rose Cortis xehdet illi sallum ma saru ebda hlasijiet mill-bilanci dovuti. Dan l-istat ta' fatt cioe n-nuqqas tad-debitur li jhallas skond il-kuntratti u anki a bazi tal-estensjonijiet minghajr pregudizzju, li saru mill-bank intitolaw lil bank li jgib fis-sehh l-gheluq tal-facilitajiet u d-dritt li jitlob il-hlas kollu dovut bl-imhaxijiet ai termini tal-klawsola (a) tal-kuntratt ta' self tal-1 ta' Lulju 2004.

Il-bank attur ipprezenta d-dokumentazzjoni kollha rilevanti ghad-debitu u ghal call in inkluz l-ittri legali u ufficjali bl-intimazzjoni ghal hlas dovut (Dok. SZ36 sa SZ37).

Il-konvenuti ghamlu diversi eccezzjonijiet kontra din it-talba. Fl-ewwel lok ighidu li t-talbiet huma intempestivi. Il-konvenuti naqsu li juru f'hiex tikkonsisti l-intempestivita meta l-inkwiet fuq il-hlasijiet beda fl-2006, l-ittri ufficjali saru f'Dicembru 2010 u l-kawza saret fl-2012.

Ghalhekk din l-eccezzjoni qed tigi respinta.

Il-konvenuti jeccepixxu wkoll illi s-somma pretiza hi esagerata u ghandu jkun hemm verifika minn esperti nominati. Din l-eccezzjoni ma taghmilx sens peress illi l-attur irid jipprova t-talbiet tieghu bil-mezzi li ttieh il-ligi u darba li dan isir kif fil-fatt ghamel il-bank bid-dokumenti dettaljati esebiti u x-xiehda moghtija mix-xhud Simon Zammit, sta ghal konvenuti li jirribattu l-ammonti pretizi bi provi migjuba minnhom. Is-skiet tal-konvenuti fuq l-ammonti mitluba hu elokwenti. Ma jistghux il-konvenuti jitfghu l-oneru li jirribattu l-provi attrici fuq il-Qorti billi taghmel xi investigazzjoni hi minn rajha. Tali necessita kienet tinholoq li kieku l-konvenuti gabu provi esperti dwar l-ammont realment dovut u billi l-kwistjoni kienet tkun wahda teknika, il-Qorti tista' titlob in-nomina ta' esperti gudizjarji ghal verifika tal-pretensjonijiet ex parte.

Bl-istess mod u dan jallacja mat-tielet eccezzjoni tal-konvenuti li l-process gudizzjarju jrid jistabilixxi jekk l-imghaxijiet jew hlasijiet ohra bil-metodologija uzata humiex skond il-ligi. Il-bank attur u x-xhieda prodotti wrew illi l-ammonti dovuti saru bil-process normali ta' kontabilita u l-imghaxijiet inhadmu skond il-ligi. Ghalkemm il-konvenuti fil-kontroezami

staqsew domandi dwar rati ta' imghax u jekk sarux xi hlasijiet ta' penali zejda li jistghu jekwevalu ghal zieda ta' imghax, ma saret ebda ammissjoni mill-bank li dan kien il-kaz. Kien jispetta esklussivament lil konvenuti li jippruvaw bi provi prodotti minnhom fejn saret talba ghal hlas ta' imghax jew ammonti mhux gustifikati fil-ligi. Minn dan kollu ma saret ebda prova fil-process u kwindi t-tieni u tielet eccezzjoni ma fihomx mertu.

Ir-raba eccezzjoni hi wahda ta' tpacija tal-kreditu tal-bank ma' danni subiti mill-konvenuti minhabba l-intempestivita u irragonevolezza tal-azzjoni tal-bank. Kif gia inghad ma irrizulta ebda intempestivita mill-bank ghal hlas tal-krediti meta tqis li ghaddew circa sitt snin biex il-bank ressaq l-azzjoni odjerna wara li kien intima lil konvenuti li kienu qed jonqsu mill-obligi kontrattwali senjatament tal-hlas. In kwantu ghal irragonevolezza, il-konvenuti ippruvaw jressqu argumenti mill-provi mressqa illi d-debitur kien ser jasal biex ihallas wara li jlesti progetti li ghalihom allegatament ittiehed is-self. Pero din il-Qorti ma tqis li dan l-argument jista' b'xi mod jintuza biex id-debitur jehles milli jottempera ruhu mal-kondizzjonijiet tal-kuntratti ta' self li ma kienux kundizzjonati mill-fatt li d-debitur jlesti xi progetti qabel ma jhallas id-debitu jew l-iskadenzi dovuti.

Ghalhekk din l-eccezzjoni wkoll hi bla mertu.

Daqstant iehor is-sitt eccezzjoni ma hiex fondata peress illi t-twaqqif tal-loan facility jew call in tad-debitu ma sarx kif donnu qed jigi allegat biex id-debitur jingieb f'pozizzjoni li ma jistax jikkompleta l-progetti li kellu. Kif gia inghad il-progetti tad-debitur ma kienx kundizzjoni tal-ftehim mill-bank. Il-facilita tal-bank kienet intiza biex id-debitur juzufruixxa minnha ghall-iskopijiet li kienu jinteressaw biss lid-debitur. L-interess tal-bank kien biss li jithallas id-debitu skond il-kondizzjonijiet ta' hlas pattwit minghajr ebda rabta ulterjuri. Altrimenti l-argument tad-debitur li s-self kien marbut mat-tlestija tal-progett igib fix-xejn l-iskop pattwit tas-self cioe l-ghoti ta' facilita bankarja bil-kundizzjonijiet hemm pattwiti fosthom ta' hlas lura skond ma hu miftiehem. In-nuqqas tad-debitur li jlesti l-progetti li ghalihom ha s-self anki jekk mhux minhabba l-agir tieghu ma jistghux jrazznu lil kreditur milli jesigi l-pagament tad-debitu kif miftiehem.

Ghalhekk anki din l-eccezzjoni qed tigi michuda.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqa’ u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti, bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------